Nru./No. 19,707
Prezz/Price
€0.36

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 2 ta' Jannar, 2017
Monday, 2nd January, 2017

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern 1
Government Notices *1*

Avviżi tal-Gvern 2
Notices *2*

Avviżi tal-Qorti ..... 2 - 4
Court Notices ..... *2 - 4*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1

ATT DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP
(KAP. 552)

Kummissjoni tal-Ippjanar tal-Awtorità tal-Ippjanar

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu 65 (2) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, is-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva approvat il-ħatra tal-persuna li ġejja biex isservi fuq il-Kummissjoni tal-Ippjanar tal-Awtorità tal-Ippjanar għal perijodu ta' erba' snin b'seħħ mit-2 ta' Jannar, 2017.

Membru Supplimentari
Is-Sur Carmelo Caruana

It-2 ta' Jannar, 2017

Nru. 2

ATT DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP
(KAP. 552)

Kummissjoni tal-Ippjanar tal-Awtorità tal-Ippjanar

BIS-SAĦĦA tal-Artikolu 65 (2) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, is-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva approvat il-bidla fil-ħatra tal-persuna li ġejja biex isservi bħala membru permanenti fuq il-Kummissjoni tal-Ippjanar tal-Awtorità tal-Ippjanar b'seħħ mit-2 ta' Jannar, 2017.

Din il-ħatra għandha titqies bħala kontinwazzjoni tal-perjodu li beda fl-4 ta' April, 2016, kif stabbilit fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 292 tal-2016.

Membru
Il-Perit Aaron Abela

It-2 ta' Jannar, 2017

Nru. 3

FORZI ARMATI TA' MALTA
(FORZA REGOLARI)

IL-MINISTRU għall-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali għoġbu japprova l-promozzjoni ta' dak imsemmi hawn taħt għar-*rank* ta' Kirurgu Logutenent Kurunell b'seħħ mid-data li tinsab ħdejn isimu.

Kirurgu Maġġur Matthew Psaila 30 ta' Dicembru, 2016

It-2 ta' Jannar, 2017

GOVERNMENT NOTICES

No. 1

DEVELOPMENT PLANNING ACT
(CAP. 552)

Planning Commission of the Planning Authority

IN terms of Article 65(2) of the Development Planning Act, the Parliamentary Secretary for Planning and the Simplification of Administrative Processes has approved the appointment of the following person to serve on the Planning Commission of the Planning Authority for a period of four years with effect from 2nd January, 2017.

Supplementary Member
Mr Carmelo Caruana

2nd January, 2017

No. 2

DEVELOPMENT PLANNING ACT
(CAP. 552)

Planning Commission of the Planning Authority

IN terms of Article 65(2) of the Development Planning Act, the Parliamentary Secretary for Planning and the Simplification of Administrative Processes has approved the change in appointment of the following person to serve as a permanent member on the Planning Commission of the Planning Authority with effect from 2nd January, 2017.

This appointment shall be construed as a continuation of the period which commenced on the 4th of April, 2016, as established in Government Notice No. 292 of 2016.

Member
Perit Aaron Abela

2nd January, 2017

No. 3

ARMED FORCES OF MALTA
(REGULAR FORCE)

THE Minister for Home Affairs and National Security has been pleased to approve the promotion of the under mentioned to the rank of Surgeon Lieutenant Colonel with effect from the date shown against his name.

Surgeon Major Matthew Psaila 30th December, 2016

2nd January, 2017

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Sospensjoni ta' Pparkjar

Il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar jgħarraf illi li f'dawn il-ġranet li ġejjin: mit-3 sas-7, mid-9 sal-14, mis-16 sal-21, mit-23 sat-28 u mit-30 sal-31 ta' Jannar, 2017 u mill-1 sat-3 ta' Frar, 2017, mis-7.00 a.m. sal-5.00 p.m., ħadd ma jista' jipparkja fi Triq Għawdex.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-2 ta' Jannar, 2017

SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL

Suspension of Parking

The San Pawl il-Baħar Local Council notifies that no parking is allowed in Triq Ghawdex on the following dates: from 3rd till 7th, from 9th till 14th, from 16th till 21st, from 23rd till 28th and from 30th till 31st January, 2017, and from 1st till 3rd February from 7.00 a.m. till 5.00 p.m.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

2nd January, 2017

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1

B'digriet tal-11 ta' Ottubru, 2016, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (5) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'rikors preżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-16 ta' Marzu, 2016, minn Banif Bank (Malta) plc (C41030) bin-numru 14/16 fl-ismijiet Banif Bank (Malta) plc (C41030) vs Comprod Group Ltd (C28020) et qed jintalab il-bejgħ bl-irkant ta':

i) Garaxx bla numru uffiċjali, iżda bl-isem 'Carmel Garage', fi Triq l-Għollieq, Santa Venera, sottopost għal proprjetà ta' terzi, konfinanti mil-Lvant mill-imsemmija triq, mit-Tramuntana minn proprjetà ta' Carmelo Meilaq u min-Nofs in-nhar minn proprjetà tal-aħwa Calleja, in preċedenza proprjetà ta' Joseph Scerri u Emanuel Cutajar, u suġġett għal sub-ċens annwu u perpetwu t'erbgħa u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€34.94), pagabbli bil-quddiem lil Carmelo Bajada jew is-suċċessuri tiegħu, altrimenti liberu u frank bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu u bit-tgawdija komuni mal-appartamenti sovrastanti tas-sistema tad-drains u d-drenaġġ.

ii) L-appartament bla isem, iżda internament u uffiċjalment immarkat bin-numru tnejn (2), formanti parti minn blokk ta' tliet (3) appartamenti mingħajr numru uffiċjalii magħruf bħala 'Alison Flats' fi Triq l-Istampaturi, Santa Venera, konfinan ti mat-triq imsemmija, min-Nofs

By a decree given on 11th October, 2016 by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(5) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

By the application filed in the Civil Court First Hall on the 16th March, 2016, by Banif Bank (Malta) plc (C41030) application number 14/16 in the names Banif Bank (Malta) plc (C41030) vs Comprod Group Ltd (C28020) et being asked that the Court orders the sale by auction of the:

i) Garage without official number, but named 'Carmel Garage', in Triq l-Għollieq, Santa Venera, underlying third party property, bounded on the East with the said street, on the North by property of Carmelo Meilaq and on the South by property of brothers Calleja, formely property of Joseph Scerri and Emanuel Cutajar, and subject to annual and perpetual sub ground rent of thirty four euro and ninety four cents (€34.94), payable in advance to Carmelo Bajada or his successors in title, otherwise free and unencumbered with all its rights and appurtenances, having in common with the overlying flats the drains and drainage system.

ii) The unnamed apartment, but internally officially numbered number two (2), forming part of a block of three (3) apartments without official number known as 'Alison Flats' in Triq l-Istampaturi, Santa Venera, bounded with the said street, South by property of the Conservatory

inhar ma' proprjetà tal-Konservatorju Vincenzo Buġeja jew is-suċċessuri tiegħu fit-titolu u mill-Punent ma Triq il-Mastrudaxxi, liberu u frank u bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu u jinkludi l-partijiet indiviżi tal-komun, l-entrata, it-tromba tat-taraġ, it-taraġ u terz (⅓) diviż tal-bejt tal-blokk, osija dik il-parti fuq il-faċċata tal-istess blokk u dan l-appartament kien ukoll id-dar matrimonjali ta' Roderick u Natasha konjuugi Falzon.

L-imsemmija fondi huma proprjetà ta' Comprod Group Limited (C28020), Roderick Falzon (K.I.328877M) u Natasha Falzon (K.I.193480M).

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum It-Tlieta, 27 ta' Diċembru, 2016.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Vincenzo Buġeja or its successors in title and West by Triq il-Mastrudaxxi, free and unencumbered with all its rights and appurtenances and included is undivided share of the common parts, the entrance, the stairwell, stairs and one third (⅓) divided share of the roof of the block, that is the part on the façade of the block and this apartment was the matrimonial home of Roderick and Natasha spouses Falzon.

The said tenements are the properties of Comprod Group Limited (C28020), Roderick Falzon (I.D.328877M) and Natasha Falzon (I.D.193480M).

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 27th December, 2016.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2

B'digriet tal-25 ta' Ottubru, 2016, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'rikors preżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla fid-19 ta' Lulju, 2016, minn Bank of Valletta p.l.c. (C2833) bin-numru 47/16 fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. (C2833) vs Mario Micallef (K.I. 204185M) qed jintalab il-bejgħ bl-irkant ta':

Il-fond, bin-numru disgħin (90) li jinsab fil-pjan terran, ġewwa Triq il-Marsa, il-Marsa u jinsab sottopost proprjetà ta' terzi u għandu komuni mal-proprjetà sovraposti id-drains u s-sistema tad-drenaġġ, liberu u frank bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu.

L-imsemmija fondi huwa proprjetà ta' Mario Micallef (K.I.204185M).

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 28 ta' Diċembru, 2016.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on 25th October, 2016 by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187(3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12).

By the application filed in the Civil Court First Hall on the 19th July, 2016, by Bank of Valletta p.l.c. (C2833), application number 47/16 in the names Bank of Valletta p.l.c. (C2833) vs Mario Micallef being asked that the Court orders the sale by auction of the:

The tenement, numbered ninety (90) situated on ground floor, in Triq il-Marsa, Marsa and underlying third party property and having in common with the overlying third party property the drains and drainage system, free and unencumbered with all its rights and appurtenances.

The said tenement is the property of Mario Micallef (I.D.204185M).

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 28th December, 2016.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

3

B'digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell, fid-29 ta' Novembru, 2016, fl-atti tar-Rikors tal-Appell fl-ismijiet Attard George Mario vs Micallef Chiara, Rikors Numru 301/14 DMA, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat George Mario Attard, a tenur tal-Artikolu 187(3) et. seq. tal-Kap. 12.

Billi ngħalqu l-proċeduri bil-miktub fil-kawża quddiem il-Qorti tal-Appell bejn George Mario Attard vs Chiara Micallef, il-Qorti ffissat is-smigħ ta' din il-kawża għall-Ġimgħa, erbatax (14) ta' Ottubru, 2016, fl-10.30am, u li ġiet differita għall-Gimgha 13 ta' Jannar 2017, fit-8.45 a.m.

Notifika Intimat: 6, Cocyra, Triq l-Esperanto, L-Imsida.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Sede Inferjuri) illum it-30 ta' Diċembru, 2016.

AV. FRANK PORTELLI, LLD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given, by the Court of Appeal, on the 29th November, 2016, in the records of the Appeal Application, in the names Attard George Mario vs Micallef Chiara, Application Number 301/14 DMA, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent George Mario Attard, in terms of Article 187(3) et. seq. of Cap. 12.

Whereas the written procedures in the cause before the Court of Appeal, between George Mario Attard vs Chiara Micallef, have been closed, the Court, fixed the hearing of this cause on Friday fourteeth (14) of October, 2016, at 10.30am, and which was deferred to Friday13 th January, 2017, at 8.45 a.m.

Notify Respondent: 6, Cocyra, Triq l-Esperanto, Msida.

Registry of the Superior Courts (Inferior Jurisdiction) today 30th December, 2016.

ADV. FRANK PORTELLI, LLD
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

4

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar tal-1 ta' Diċembru, 2016, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

GO plc (C 22334) ta' Triq Fra Diego, Il-Marsa MRS 1501, ippreżentaw Talba, fis-26 ta' Ottubru, 2016, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Hermes Aviation Limited (C 54428) ta' Level 3, Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €860.38, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali

Il-kawża (Avviż Nru 483/16JB) hija differita għat-23 ta' Jannar, 2017, fis-2.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum it-30 ta' Diċembru, 2016.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 1st December, 2016, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(5) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

GO plc (C 22334) of Triq Fra Diego, Marsa MRS 1501, filed a Claim on the 26th October, 2016 whereby they asked the Tribunal to condemn Hermes Aviation Limited (C54428) of Level 3, Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000 , to pay the plaintiff company the sum of €860.38, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests

The case (Claim Number 483/16JB) is deferred on the 23rd January, 2017, at 2.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 30th December, 2016.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*